# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 752/00mm**

**Dr Anthony Borg Barthet u martu Carmen Borg Barthet**

**vs**

**Ivan Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fis-6 ta' Gunju 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u erbgha u tletin lira Maltin u sebgha centezmi (Lm834.07c) rappresentanti danni kagunati minnu f'incident awtomobilistiku tat-22 ta' Gunju 1998 f'Tower Road, Sliema bejn il-vettura numru HAN 376 misjuqa minnu u l-vettura numru CAO 792 misjuqa minn Maria Borg Barthet u proprjeta' tal-atturi, liema ncident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju 1999 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tieghu kontestwalment ma' dan l-avviz ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija ta' bint l-atturi, Maria Borg Barthet, li waqt li kienet qed issuq il-vettura CAO 792 naqset milli tosserva r-Regolamenti tat-Traffiku u dana kif sejjer jig pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, u kwindi t-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara fit-22 ta' Gunju 1998 ghal habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart go Tower

Road Sliema bejn il-karozza HAN 376 tal-ghamla Peugeot misjuqa mill-konvenut u l-karozza CAO 792 tal-ghamla Honda misjuqa minn Maria Borg Barthet. Din ta' l-ahhar kienet hierga minn Qui-si-sana u l-incident gara ezatt fl-inkrocju ma' Tower Road.

L-attur xehed li huwa proprjetarju tal-karozza misjuqa minn bintu u wara li rrappurtatlu dan l-incident huwa nforma lill-kumpanija assikuratrici izda peress illi kien assikurat *third party* kellu jhallas l-ispejjez tad-danni subiti fil-karozza tieghu. Esebixxa diversi rcevuti u kontijiet sabiex jiggustifika l-ammont reklamat fl-avviz.

Maria Borg Barthet u x-xhieda minnha prodotti xehdu illi huma kienu hergin minn Qui-si-sana, waqfu fuq l-istop sign, harsu lejn il-lemin, kif ukoll lejn ix-xellug u hemmhekk raw il-karozza li kienet ghadha l-boghod hdejn iz-*zebra crossings* illi hemm hdejn l-istabbiliment ta' Joinwell. Maria Borg Barthet kkalkolat li din il-karozza kienet ghadha l-boghod bizzejjed sabiex hija tohrog minn wara l-*stop sign* u tkompli fit-triq taghha lejn San Giljan. Fil-fatt hekk ghamlet. Harget minn wara l-*stop sign* u gibdet lejn il-lemin. Gara pero' illi dak il-hin u ad insaputa ta' Maria Borg Barthet, il-konvenut ghamel manuvra ta' sorpass ta' din l-istess karozza illi rat Maria Borg Barthet. Skond din ta' l-ahhar, is-sorpass sar b'velocita' qawwija tant illi l-konvenut lahaq il-karozza taghha u baqa diehel fuq il-bieba tan-nahha tax-xellug. Gew esibiti ritratti illi juru l-hsarat subiti fil-karozza ta' l-attur.

Il-konvenut minn nahha l-ohra jghid li vera huwa ghamel manuvra ta' sorpass u waqt li qed jaghmel din il-manuvra huwa

ra karozza hierga minn Qui-si-sana minghajr ma tieqaf fuq l-stop sign. Ipprova jevita din il-karozza billi gibed lejn ix-xellug izda ma rnexxielux u gara l-incident. Il-konvenut innega illi kien qed isuq b'velocita' qawwija izda nsista illi Maria Borg Barthet ma waqfitx fuq l-stop sign u b'hekk hasditu kif sabha ma' wiccu wara din il-manuvra ta' sorpass.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat il-mekkanika ta' dan l-incident b'certa reqqa ghax ma kienx facli ghaliha tasal ghal decizzjoni, peress illi z-zewg partijiet setgha kienu qieghdin ighidu l-verita', pero' l-Qorti tixxaqleb favur it-tezi ta' Maria Borg Barthet principalment minhabba t-tip ta' danni illi sofriet il-karozza taghha. Bhal ma jidher fir-ritratti illi hemm esibiti a fol 26 tal-process, il-karozza ta' Borg Barthet tidher illi ghandha hsarat fuq il-bieba b'tali mod illi jindika illi kienet il-karozza l-ohra illi baqghet diehla fil-gemb taghha. Dawn il-hsarat jindikaw impatt illi gie kwazi minn wara, b'angolu strett, isiru aktar profondi waqt illi jersqu lejn il-quddiem biex imbaghad jispiccaw f'daqqa hekk kif il-karozzi sseparaw minn ma' xulxin.

Il-Qorti trid tezamina sew l-operat tal-konvenut waqt il-manuvra ta' sorpass illi kien qed jaghmel. Huwa qal illi waqt li kien tiela t-telgha ta' Tower Road, ra din il-karozza quddiemu illi kienet miexja b'velocita anqas minn tieghu u meta wasal fejn l-istabbiliment ta' Joinwell iddecieda illi jaghmel din il-manuvra ta' sorpass.

Jinghad mill-bidu nett illi l-manuvra ta' sorpass mhijiex manuvra illi hija pprojbita mill-ligi, basta illi din il-manuvra issir minghajr riskju jew perikolu kemm ghas-sewwieq kif ukoll ghall-utenti l-ohra tat-triq (ara Commissioner of Police vs Lawrence Callus Appell 27 ta' Frar 1998). Il-konvenut ma jidhirx illi ha dawn il-prekawzjonijiet peress illi b'din il-manuvra pogga l-karozza tieghu f'sitwazzjoni illi kienet tkun difficli ghalih biex jirreagixxi f'kaz ta' emergenza. Il-konvenut kien jaf illi vicin il-post fejn kien qed jaghmel manuvra kien hemm *junction* u minn din il-*junction* setghu johorgu karozzi. Veru li hemmhekk hemm *stop sign,* pero*'* minn nahha l-ohra l-Qorti ma taghtix tort lil Maria Borg Barthet illi harget wara dan l-*stop sign* ghar-ragunijiet indikata minnha. Ma kellha l-ebda mezz tissoponi illi wara dik il-karozza illi rat fuq iz-*zebra crossing* kien hemm ohra illi kienet ser taghmel manuvra ta' sorpass. Din il-manuvra tiehu certa distanza liema distanza jistghu jigu akkorcjati jekk tizdied il-velocita' tal-karozza pero' b'daqshekk jigi kreat aktar perikolu kemm ghas-sewwieq kif ukoll ghal nies ohra fit-triq. Dan ifisser li s- sewwieq jista jsib ruhu f'sitwazzjoni illi ma jirreagixxix ghal xi emergenza illi tista tinqala waqt din il-manuvra ta' sorpass. Veru illi l-konvenut kien qieghed fuq it-triq principali, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi jista juza din it-triq kif irid u kif joghgbu minghajr konsiderazzjoni ghall-utenti l-ohra. Fil-fatt f'decizzjoni moghtija mill-Qorti Civili tal-23 ta' Gunju 1997 fl-ismijiet Carmelo Saliba vs Gennaro Vassallo intqal li l-fatt li sewwieq juza t-triq ewlenija ma jintitolahx li jqieghed lilu nnfissu f'sitwazzjoni skabruza jew difficli biex jirreagixxi ghal xi emergenza li tinholoq.

Il-Qorti hija sodisfatta illi fil-fatt il-konvenut ipprova jaghmel din il-manuvra ta' sorpass b'velocita' forsi aktar milli kien prudenti u kien ghalhekk illi lahaq mall-ewwel fuq l-inkrocju u sab il-karozza ta' Maria Borg Barthet hierga minn wara l-*stop sign.* L-agir ta' din is-sewwieqa kien wiehed korrett. Il-Qorti osservat illi dina waslet fit-tarf ta' l-inkrocju u waqfet wara l-*stop sign,* harset lejn ix-xellug u rat din il-karozza li qieghdha hdejn iz-*zebra crossing.* Din kienet distanza ragonevoli sabiex il-karozza setghet tohrog minn Qui-si-sana u tigi fuq il-main road. Maria Borg Barthet harset ukoll lejn il-lemin u meta rat li ma kienux gejjin karozzi minn dik in-naha, allura harget.

Ma hemmx dubbju illi kollox kien ikun sew illi kieku ma kienetx ghal dik il-vettura tal-konvenut illi proprju dak il-hin iddecieda illi jaghmel manuvra ta' sorpass. Din il-Qorti difficli temmen kif il-konvenut ma kienx f'posizzjoni li jinduna li kien hemm karozza ohra, anke mid-dawl taghha. Wiehed ma jridx jinsa li dan l-incident gara bil-lejl u ma hemmx dubbju illi d-dawl tal-karozza misjuqa minn Maria Borg Barthet kien ser jigi pprogettat aktar 'l quddiem sa n-nahha l-ohra tat-triq, f'liema kaz allura l-konvenut kien ikun f'posizzjoni jinduna li hemmhekk hemm karozza u li kienet ser tohrog ghal fuq il-main road. Maria Borg Barthet ma kellha l-ebda mezz biex tinduna illi wara l-karozza li rat kien hemm karozza ohra u ghalhekk mehud in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha dak il-hin, ir-ragunament u s-sewqan taghha kien wiehed korrett u kienet intitolata li tohrog minn wara dan l-*stop sign* peress illi l-karozza l-ohra kienet ghadha l'boghod.

Il-konvenut abbuza mill-posizzjoni tieghu bhala *main road user* sabiex jaghmel manuvra ta' sorpass illi kkrea diffikulta ghalih u ghal Maria Borg Barthet  b'tali mod li dan l-incident ma setghax jigi evitat. Il-Qorti hija konvinta illi kieku ma kienx ghall-intervent tal-konvenut illi ghamel dik il-manuvra ta' sorpass forsi mhux b'mod prudenti, dan l-incident ma kienx isir.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident li gara f'Tower Road, Sliema bejn il-vettura numru HAN 376 misjuqa minnu u l-vettura numru CAO 792 misjuqa minn Maria Borg Barthet liema ncident gara minhabba traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tmien mija u erbgha u tletin lira Maltin u sebgha centezmi (Lm834.07c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi din s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg